Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **10 ta' Mejju 2021**

**Il-wirja tal-kranji tal-Ipoġew estiża sal-aħħar ta' Ottubru**

Hekk kif is-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta jerġgħu jinfetħu għall-pubbliku din il-ġimgħa, il-kranji li kienu nstabu fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni se jibqgħu esebiti fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta sal-aħħar ta' Ottubru.

Il-wirja tal-kranji, bl-isem "Alien Headaches? The Hypogeum Skulls Enigma", ġiet inawgurata f'Diċembru li għadda u qanqlet interess kbir sakemm il-mużewijiet u s-siti kellhom jingħalqu minħabba l-miżuri ta' mitigazzjoni kontra l-imxija tal-Covid-19.

Matul iż-żmien, il-kranji tal-Ipoġew xegħlu l-immaġinazzjoni tal-pubbliku, l-aktar minħabba l-fatt li Sir Temi Zammit iddeskriviehom bħala "ta' tip tawwali" waqt li kienu għaddejjin l-iskavi fl-Ipoġew fl-ewwel deċenju tas-seklu 20. Spiss isiru talbiet minn persuni biex jarawhom, u diversi produtturi ta' films nisġuhom fin-narrattiva tal-produzzjonijiet tagħhom, li xi drabi kellhom tema ekstraterrestri.

L-esebizzjoni toffri opportunità unika biex wieħed josserva l-kranji tal-Ipoġew mill-qrib, billi normalment jinżammu fil-kollezzjoni ta' riserva u fil-fatt kienu ilhom ma jiġu esebiti mill-1995.

Bis-saħħa ta' tekniki xjentifiċi innovattivi, il-kranji qed jiġu studjati minn perspettivi ġodda li qed iwasslu għal għarfien akbar tal-bniedem Neolitiku fil-kuntest ta' ambjent ta' gżira. L-esebizzjoni turi kif il-kranji ġew eżaminati minn perspettiva arkeoloġika, osteoloġika kif ukoll medika.

Il-ħlas biex wieħed iżur il-wirja u l-bqija tal-mużew huwa kif ġej: Membri ta' Heritage Malta – dħul b'xejn; dawk li għandhom il-Passaport tat-Tfal ta' Heritage Malta – jidħlu b'xejn u l-adulti li jakkumpanjawhom iħallsu nofs prezz; dawk li għandhom il-Passaport tal-Anzjani ta' Heritage Malta – iħallsu nofs prezz u dawk li jakkumpanjawhom iħallsu l-prezz normali. Il-

viżitaturi l-oħra kollha jħallsu l-prezzijiet normali tad-dħul għall-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija. Il-mużew ikun miftuħ mill-Ħamis sal-Ħadd bejn l-10.00am u l-4.30pm.